10 ta' Diċembru, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Illmu. u Nobbli Markiz Alfio Testaferrata Bonici Axiak
*versus*
Joseph Bartolo

**Perizja — Periti Addizzjonali — Diskrezzjoni tal-Qorti — Art. 674 u 675 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*In-nomina ta' periti addizzjonali hi fakoltattiva, u hija rimessa għad-diskrezzjoni tal-Qorti. U dan ir-rimedju, hekk dispendjuż, għandu jiġi adoperat meta ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ ikunu tali li l-ġudikant ma jkunx jista' jifforma l-ġudizzju tiegħu mill-ewwel perizja, jew meta jkunu meħtieġa konjizzjonijiet tekniċi li għalihom il-ġudikant ikun estraneu.*

**Il-Qorti,** — Rat in-nota ta' l-attur tal-14 ta' Jannar 1954, li biha talab li jiġu nominati periti addizzjonali in konnessjoni mar-rapport ta' l-I.Ċ.A. Albert Vassallo, maħluf fis-7 ta' l-istess xahar;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attur ma speċifika ebda motiv li għalih qiegħed jitlob in-nomina ta' periti addizzjonali;

Illi, skond il-liġi (art. 674 u 675 Proċedura Ċivili), in-nomina ta' dawn il-periti hija fakoltattiva u rimessa għad-diskrezzjoni tal-Qorti; u skond l-interpretazzjoni kostanti ta' dawn il-Qrati, dana r-rimedju, hekk dispendjuż, għandu jiġi adoperat biss meta ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ huma tali li l-ġudikant ma jkunx jista' jifforma l-ġudizzju tiegħu mill-ewwel perizja, jew meta jkunu meħtieġa konjizzjonijiet tekniċi li għalihom il-ġudikant ikun estraneu (ara f'dan is-sens Kollez. XXI—II—277);

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dawn iċ-ċirkustanzi ma jirrikorrux fil-każ taħt eżami;

Għalhekk tirrespinġi t-talba ta' l-attur għan-nomina ta' periti addizzjonali; bl-ispejjeż.